**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis, 23 ta' Lulju, 2020**

**Rikors Nru. 576/2020**

**Fl-atti ta' mandat ta' arrest kawtelatorju nru. 870/2020MCH**
**fl-ismijiet**
**Av. Joseph Camilleri bhala mandatarju specjali**
**ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera**
**Portugiza Viagens Abreu S.A.**

**vs**

**Il-Bastiment M/V Sovereign (Numru IMO 8512281)**

**Il-Qorti,**

Din hi talba ghal revoka ta' mandat ta' arrest numru 870/2020 tal-vapur M/V Sovereign registrat f'Malta maghmul mill-istess bastiment kontra s-socjeta estera Portugiza Viagens Abreu S.A. li ghamlet u ottjeniet il-hrug tal-mandat ta' arrest fuq pretensjoni ta' kreditu naxxenti minn kondizzjonijiet f'charter agreement ta' Gunju 2019 ghall-uzu tal-basitment bejn l-istess socjeta Viagens u s-socjeta Maltija Pullmantur Cruises Ship Management Limited li iddikjarat ruhha bhalal 'disponent owner' u 'ultimate beneficial owner' tal-istess bastiment.

Il-vapur rikorrenti isostni li Pullmantur Cruises Ship Management Limited la hi jew kienet 'disponent owner' jew 'beneficial owner' tal-bastiment fil-mument tal-arrest u ghalhekk l-arrest sar bla ma kien hemm ebda relazzjoni kontrattwali li torbot it-talba

mal-bastiment u ebda fondament ghal hrug tal-mandat a bazi tal-artikolu 742D tal-Kap. 12.

Il-vapur jikkontendi illi l-bastiment kien nollegjat f'bareboat charter mas-socjeta Maltija Pullmantur Cruises Sovereign Limited fl-2016 izda minhabba n-nuqqas ta' hlas dovut mill-istess lis-sid registrat cioe RCL Sovereign LCC, dan il-ftehim gie terminat fit-8 ta' Gunju 2020.

Il-kwistjoni principali li trid l-ewwel tigi rizolta qabel kull kwistjoni ohra f'din l-vertenza hi jekk fil-fatt l-arrest kienx wiehed legali jew regolari cioe hux wiehed li jaqa' fil-parametri tal-ligi.

Il-vapur u s-sidien tieghu jikkontendu illi la hemm responsabilta in personam u anqas in rem li permezz taghha seta' jintalab l-arrest tal-vapur. In kwantu ghar-responsabilta in personam gie sottomess illi l-ftehim kien ma' Pullmantur Cruises Ship Management Limited li mhix is-sid tal-vapur billi s-sid hi s-socjeta estera RCL Sovereign LCC. Lanqas hemm relazzjoni in rem. Gie citat l-artikolu 742B(i) mir-rikorrenti bhala l-artikolu relevanti ghal kwistjoni li johloq gurisdizzjoni in rem ghal kull pretensjoni li tinholoq minn ftehim li jirrigwarda fost affarijiet ohra, l-uzu jew il-kiri ta' vapur, kemm permezz ta' charter party jew xorta ohra, b'dan illi sabiex skont l-artikolu 742D(a) kreditur ikollu dritt in rem kontra bastiment il-persuna li kienet responsabbli meta nholqot il-kawza ghall-azzjoni trid tkun is-sid, jew ic-charterer, jew ikollha l-kontroll jew taht il-pussess taghha dak il-bastiment kif ukoll meta tingieb l-azzjoni, dik l-istess persuna responsabbli trid tkun is-sid, jew is-sid beneficjarju tal-bastiment jew inkella l-bareboat charterer.

Il-vapur isostni li fl-ewwel lok il-bareboat charterer fil-konfront ta' sid il-vapur RCL Sovereign LCC Limited qatt ma kienet l-allegat debirtrici Pullmantur Cruises Ship Management Limited izda Pullmantur Cruises Soverign Limited u ghalkemm fl-istess ftehim tal-2016 kellha l-permess li r-registrazzjoni tal-bastiment johrog fuqha wkoll, dan gie irtirat fil-5 ta' Gunju 2020 (ara Dok. AF5b) u fit-8 ta' Gunju 2020 is-sid ittermina l-bareboat charter u ha lura l-pussess tal-vapur skont il-kondizzjonijiet tal-ftheim. Kwindi d-dikjarazzjoni tas-socjeta Pullmantur Cruises Ship Management

Limited li hi 'disponent owner' jew 'beneficial owner' kif dikjarat fil-ftehim mas-socjeta Viagens ma fihiex mis-sewwa.

Is-socjeta Viagens tikkontesta dan kollu u tikkontendi li meta tara l-istruttura tas-socjetajiet koncernati wiehed jasal ghal konkluzjoni li fl-ahhar mill-ahhar is-socejta li maghha sar il-ftehim hi parti mill-istruttura ta' kumpaniji li jwasslu ghall-istess sid jew sid beneficjarju.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tal-istruttura tal-kumpaniji rilevanti u qieset li RCL Sovereign LLC, sid il-vapur, hi registrata fil-Liberja. L-azzjonista uniku taghha hi RCL Cruise Holding LLC registrat ukoll fil-Liberja. L-azzjonista uniku ta' din il-kumpanija kienet Royal Caribbean Cruises Limited li fit-2 ta' Gunju 2020 l-azzjonijiet taghha gew trasferiti lil Celebrity Cruise Lines Inc. li pero skont is-socjeta Viagens fid-dikjarazzjoni li saret fl-14 ta' Lulju 2020 f'Dok. AF2 esebit mill-bastiment intimat, gie dikjarat illi Celebrity Cruise Lines Inc. tappartjeni fit-totalita taghha lil Royal Carabbean Cruises Limited.

Skont is-socjeta Viagens hemm konnessjoni intimata u diretta bejn Royal Caribbean Cruises u Pullmantur li tiddefinixxi l-gustifikazzjoni ghal hrug tal-mandat. Isostnu illi s-shareholding ta' Pullmantur Cruises Ship Management Limited u Pullmantur Sovereign Cruises Limited u l-grupp Royal Caribbean ghandhom jitqiesu haga wahda flimkien u Pullmantur hi brand name ghal Royal Caribbean ghal cruises fl-Ewropa. Spjegaw l-istruttura ta' Pullmantur kif gej:

●Pullmantur Cruises Ship Management Limited (C-38532)
Puillmantur Cruises S.L (Spanja) – 99.9%
Puillmantur Cruises S.A. (Spanja) – 0.01%

●Pullmantur Cruises S.L (Spanja)
Puillmantur SA (Spanja) – 99.99%
Puillmantur Holdings SL – 0.01%

●Pullmantur SA (Spanja)
Puillmantur Holdings SL (Spanja) – 100%
Puillmantur Cruises S.A. (Spanja) – 0.01%

●Pullmantur Holdings SL (Spanja)
Cruises Investment Holding (Lussemburgu) – 51%

RCL Holdings Cooperatief UA (Olanda) – 49%

Ir-rikorrenti isostnu illi mill-annual accounts ta' Royal Caribbean Cruises Limited ghas-sena 2019 (Dok. VA11 pg 243) RCL Holdings Cooperatief UA tal-Olanda hija sussidjara ta' Royal Caribbean Cruises Limited. Fil-fehma tar-rikorrenti dan iwassal ghal konkluzjoni li Pullmantur Cruises Ship Management Limited hi parti mill-istruttura ta' sid il-vapur cioe Royal Caribbean Cruises Limited.

Il-Qorti mhix konvinta minn dan l-argument ghax jekk tqis sew l-istruttura ta' Pullmantur, il-beneficial owners ta' Pullmantur biex nghidulhom hekk huma tnejn cioe Cruises Investment Holding (Lussemburgu) b'wiehed u hamsin fil-mija tal-ishma u RCL Holdings Cooperatief UA tal-Olanda b'din tal-ahhar ghandha biss disgha u erbghin fil-mija tal-ishma u cioe azzjonista minoritarja b'rapprezentanza minoritarja fuq il-Bord tad-diretturi. Is-sidien beneficjarji ta' Cruises Investment Holding huma Martin Gruschka u Sandra Maraya indivizament u personalment bejniethom. Ma ntwera ebda konessjoni jew rabta ulterjuri ma' Royal Caribbean hlief dak li jirrizulta cioe li s-sahha effettiva tas-socjetajiet Pullmantur qieghda f'idejn dawn iz-zewg persuni mhux f'idejn Royal Caribbean u ir-rabta tieqaf hemm fuq bazi prima facie ghal dak li jirrizulta mill-atti fl-isfond ta' hrug u talba ghal revoka ta' mandat kawtelatorju bhal dan.

Tenut dan kollu d-dikjarazzjoni tas-socjeta Pullmantur Cruise Ship Management Limited li hi 'disponent owner' tal-vapur mhix korretta. Semmai kienet l-azzjonista maggoritarja taghha cioe Pullmantur Cruises Sovereign Limited li kellha dan id-dritt skont il-ftehim tal-2016 pero sidha ma kinitx is-socjeta Royal Caribbean kif tikkontendi Viagens ghax tramite RCL Holdings Cooperatief UA kellha biss 49 fil-mija tal-ishma fl-istess socjeta. Di piu u f'kull kaz il-ftehim u d-dritt ta' registrazzjoni tal-vapur f'isem Pullmantur Cruise Sovereign Limited gie terminat f'Gunju 2020 cioe qabel l-arrest tal-vapur.

Ghalhekk ghal fini ta' dan ir-rikors revoka, azzjoni in rem bhal dan l-arrest tal-vapur seta' jsir biss fejn il-persuna responsabbli ghall-azzjoni in personam kienet is-sid jew sid beneficjarju tal-vapur, jew noleggatur taht bareboat charter fil-mument li tingieb l-azzjoni. F'dan il-kaz irrizulta li meta nhareg il-mandat is-socjeta Pullmantur Cruises

Ship Management Limited la kienet tidher bhala sid registrat jew sid beneficjarju jew kellha bareboat charter tal-vapur. Is-sid registrat hu RCL Sovereign LLC u s-socjetajiet Pullmantur taht kwalsiasi isem ma ghandhomx prima facie il-proprjeta jew il-kontroll ta' disponiment b'kull mod fuq il-bastiment in kwistjoni (ara **Andrea Ursula 1971** u **The Piumini 1979** fuq id-definizzjoni ta' beneficial owner).

Kwindi ai fini tal-effetti ta' dan il-mandat hu gustifikat l-ilment tal-vapur illi ma hemm ebda konnessjoni tali bejn il-vapur u s-socjeta Viagens li twassal ghal rabta in rem mal-vapur u li jiggustifika l-hrug u wisq anqas z-zamma fis-sehh tal-mandat ta' arrest 870/2020.

In kwantu ghat-talba ghal impozizzjoni ta' penali l-Qorti tqis illi din il-kwistjoni hi wahda fdata fid-diskrezzjoni tal-Qorti u intiza biex ma jsirx abbuz fl-uzu ta' proceduri ta' mandat kawtelatorji. Il-penali ghandha tigi imposta f'kaz li tirrizulta malizja, frivolozita jew vessatorjeta fil-hrug tal-mandat.

Il-Qorti wara li rat l-atti kollha u l-komplessita tal-istrutturi tas-socjetajiet involuti f'din il-kwistjoni, u semghet lid-difensuri tal-partijiet, ma taqbilx mal-vapur intimat illi l-mandat inhareg b'abbuz jew bla ebda fundament ta' fatt jew ta' dritt. Li sehh hu illi l-istrutturi tal-kumpaniji involuti ma waslux fil-fehma tal-Qorti ghal dak il-grad ta' prova cara bizzejjed biex jinstab ness sa fejn trid il-ligi ghal gustifikazzjoni tal-hrug tal-mandat. Marbut ma' dan hemm ukoll id-dikjarazzjoni fil-ftehim ta' charterparty bejn is-socjeta Viagens u s-socjeta li stqarret kienet il-disponent owner tal-vapur li mill-atti ma jirrizultax fis-sewwa.

Ghalhekk din it-talba qed tigi michuda.

It-talba sussidjarja dwar garanzija jekk ma jitnehhiex il-mandat mhix mehtiega ladarba qed tintlaqa' t-tnehhija tal-mandat.

In kwantu ghat-talba ghad-danni, ma saru ebda provi a rigward u l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni dwar din it-talba salv id-drittijiet tal-partijiet si et quatenus.

**Decide**

Ghar-ragunijiet fuq imsemmija u safejn kompatibbli ma' dak deciz il-Qorti qed tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet fis-sens li tiddikjara li l-mandat ta' arrest 870/2020 inhareg irregolarment u billi l-mandat tnehha ghax floku saret garanzija mill-vapur b'cedola numru 994/2020 qed tilqa' t-talba tal-vapur ghall-izbank ta' kull somma depozitata; qed tichad it-tielet talba; u qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba' u l-hames talbiet; u ma hemmx lok li jsir pronunzjament fuq is-sitt talba billi gew milqugha l-ewwel u t-tieni talbiet.

Spejjez ta' din il-procedura tbatihom is-socjeta Viagens Abreu S.A. salv u impregudikat kull dritt spettanti lil partijiet fil-mertu tal-vertenza.

Mark Chetcuti

Prim Imhallef

Anne Xuereb

Deputat Registratur